**PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**(ĠURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)**

**ONOR. IMĦALLEF MARK SIMIANA, LL.D**

*Rikors Numru 267/2024 MS*

**Paul Philippe Al-Romaniei**

**Vs.**

**L-Avukat Ġenerali u b'dikriet tal-31 ta' Mejju 2024 ġie kjamat fil-kawża l-Avukat tal-Istat**

Illum, 5 ta' Ġunju, 2024

Kawża Numru: 1

Il-Qorti,

1. Rat ir-rikors preżentat mir-rikorrenti fit-30 ta' Mejju, 2024 li bih, wara li ġie premess hekk:

Illi fid-29 ta' April 2024 ir-rikorrent tressaq taħt arrest mill-Pulizija ta' Malta quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja (fl-Att dwar l-Estradizzjoni msejħa l-Qorti Rimandanti) wara l-ħruġ kontrih ta' Mandat ta' Arrest Ewropew fit-18 ta' Frar tas-sena 2020 mill-Qorti tal-Appell ta' Braşov – Criminal Division tar-Rumanija u l-ħruġ taċ-ċertifikat tal-Avukat Ġenerali datat 28 ta' April 2024 ai termini tal-Artikolu 6A tal-Ordni (Designated Foreign Countries) għall-Estradizzjoni Order (L.S 276.05);

Illi dan il-Mandat ta' Arrest Ewropew maħruġ mill Curtea de Apel Brasov tar-Rumanija isegwi sentenza mogħtija mill-High Court of Cassation and Justice tas-27 ta' Ġunju 2019 fejn ir-rikorrent kien ikkundannat għal sentenza ta' ħabs ta' 3 snin u 4 xhur, u dan minkejja kif ser jiġi ttrattat fil-mori ta' din il-kawża, żewġ Imħallfin minn tlieta illi kkomponew din l-istess Qorti fir-Rumanija kienu għadhom ma ħadux il-ġurament tal-ħalfa tagħhom, u dan kif kien diġa affermat mill-Qrati ta' Franza, Ċipru, l-Greċja u Spanja (kollha Stati membri tal-Unjoni Ewropea) u illi kollha kemm hum, tul dawn l-aħħar sentejn, ċaħdu milli jawtorizzaw dan il-Mandat ta' Arrest Ewropew;

Illi l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja (fl-Att dwar l-Estradizzjoni msejħa l-Qorti Rimandanti) wara li fid-29 ta' April 2024 semgħet it-talba għall-ħelsien mill-arrest tar-rikorrent, ċaħdet l-istess talbu u żammitu taħt arrest preventiv;

Illi l-istess il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja (fl-Att dwar l-Estradizzjoni msejħa l-Qorti Rimandanti) fis-sentenza tagħha tal-20 ta' Mejju 2024 ċaħdet it-talba tal-awtoritajiet Rumeni sabiex jiġi ezegwit dan il-Mandat ta' Arrest Ewropew u konsegwentement ordnat il-ħelsien ta' Paul Philippe Al României;

Illi l-proviso tal-Artikolu 15 (3) tal-Kap 276 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi illi "Iżda minkejja kull ordni li jeħlisha minn kustodja dik il-persuna tibqa' f'kustodja sakemm igħaddu tlett ijiem tax-xogħol minn kull ordni bħal dak";

Illi l-Avukat Ġenerali intavola rikors ta' Appell fit-23 ta' Mejju 2024 fejn talab lill-Qorti tal-Appell Kriminali sabiex tħassar u tvarja s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja (fl-Att dwar l-Estradizzjoni msejħa l-Qorti Rimandanti) tal-20 ta' Mejju 2024;

Illi permezz ta' digriet mogħti fit-28 ta' Mejju mill-istess Qorti tal-Appell Kriminali, it-talba mill-ġdid għall-ħelsien mill-arrest tar-rikorrent ġiet miċħuda u dan a bażi tal-

Artikolu 15(3) tal-Kap. 276 tal-Liġijiet ta' Malta reża applikabbli ai termini tar-Regolament 27 tal-Liġi Sussidjarja 276.05 illi tipprovidi illi "iżda minkejja kull ordni li jeħlisha minn kustodja dik il-persuna tibqa' f'kustodja sakemm igħaddu tlett ijiem tax-xogħolminn kull ordni bħal dak u, meta jkun sar appell mill-AvukatĠenerali, sakemm l-appell jinqata' jew jiġi abbandunat, jew l-Avukat Ġenerali jagħti l-kunsens tiegħu għall-ħelsien ta' dik il-persuna";

Illi minn dakinhar illi r-rikorrent tressaq taħt arrest quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja (fl-Att dwar l-Estradizzjoni msejħa l-Qorti Rimandanti) ossia fid-29 ta' April 2024 sal-ġurnata ta' llum, r-rikorrent għadu jinżamm taħt arrest preventiv fil-Faċilita' Korrettiva ta' Kordina u dan mhux għaliex kiser xi waħda mill-kundizzjonijiet imposti fuqu sabiex igawdi mill-ħelsien mill-arrest jew inkella għaliex huwa ħati ta' xi delitt iżda biss għaliex l-artikoli 15 (3) u 17 tal-Kap. 276 tal-Liġijiet ta' Malta assolutament u kategorikament iċaħħduh mid-dritt bażiku illi jitlob il-ħelsien mill-arrest tiegħu;

Illi l-Qorti tal-Appell Kriminali propju minħabba f'dawn l-artikoli suċitati qegħda kategorikament u assolutament iċċaħdu minn saħansitra illi kwalunkwe talba għall-helsien mill-arrrst tieghu tigi kkonsidrata;

Illi tali stat ta' fatt u ta' arrest indefinit u minghajr lanqas id dritt li jitlob il-helsien mill-arrest wara d-decizjoni tal-Qorti Rimandanti huwa leziv tad-dritt fondamentali tieghu ghal liberta' u ghall-procediment gust u dan kif imharsa taht l artikoli 5(1), 5(3), 5(4), 6 u 13 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem;

Illi effettivament l-artikoli 15(3) u 17 tal-Att dwar l Estradizzjoni jaghmlu l-arrest mandatorju fil-kaz tar rikorrent;

Illi ċ-ċaħda għall-ħelsien mill-arrest huwa l-eċċezzjoni u mhux ir-regola għaliex id-dritt fundamentali tal-liberta' personali tal-persuna huwa dritt assolut u n-nuqqas ta' diskrezzjoni imposta bil-liġi fuq il-Qrati sabiex jiddeċiedu jekk ir-rikorrenti jiġix akkordat mill-ħelsien mill-arrest jew le ifisser li l-ebda eżami veru u propju rigwardanti l-istess ta' detenzjoni kontinwata tal-istess rikorrent ma kien meħtieġ illi jsir;

Illi kif qalet il-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza tagħha tat-12 ta' April 1989 fil-kawża fl-ismijiet **<u>Dr Lawrence Pullicino vs Kmandant tal-Forzi Armati et</u>** il-liġi ma

tistax teskludi *a priori* illi persuna jingħata l-ħelsien mill-arrest:

*"Il-Qorti rriteniet li l-artikolu 575(1) tal-Kodici Kriminali li kien jippriva lill-Qorti mid-diskrezzjoni fl-ghoti tal-liberta' provizorja fejn l-arrestat ikun akkuzat bir-reat ta' omicidju volontarju jilledi d-dritt ghal-liberta' personali kif garantit mill-artikoli 5(1)(c) u 5(3) tal-Konvenzjoni Ewropeja"*

Illi għalhekk dan il-ksur tad-dritt fundamentali għall-liberta' personali tar-rikorrent, qiegħed iwassal sabiex qiegħed jinżamm fi stat ta' detenzjoni kontinwata u dan anki jekk ma jistax jiġi mċaħħad mill-liberta' personali tiegħu sakemm stat ta' detenzjoni kontinwata tkun meqjusa illi hija waħda neċessarja, u kif intqal mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem f'**Polonskiy vs Russja (2009)**[1] "*the presumption is in favour of release*":

*"The presumption is in favour of release. As the Court has consistently held, the second limb of Article 5 § 3 does not give judicial authorities a choice between either bringing an accused to trial within a reasonable time or granting him provisional release pending trial. Until his conviction, the accused must be presumed innocent, and the purpose of the provision under consideration is essentially to require his provisional release once his continued detention ceases to be reasonable. A person charged with an offence must always be released pending trial unless the State can show that there are "relevant and sufficient" reasons to justify the continued detention (see, among other authorities,* ***Castravet v. Moldova****, no. 23393/05, §§ 30 and 32, 13 March 2007;* ***McKay v. the United Kingdom*** *[GC], no. 543/03, § 41, ECHR 2006-...;* ***Jabłoński v. Poland****, no. 33492/96, § 83, 21 December 2000; and* ***Neumeister v. Austria****, 27 June 1968, § 4, Series A no. 8). Article 5 § 3 of the Convention cannot be seen as unconditionally authorising detention provided that it lasts no longer than a certain period. Justification for any period of detention, no matter how short, must be convincingly demonstrated by the authorities (see* ***Shishkov v. Bulgaria****, no. 38822/97, § 66, ECHR 2003-I)."*

Illi ukoll, il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem qalet fl-istess sentenza tagħha illi sabiex stat ta' detenzjoni kontinwata tkun waħda ġustifikata:

[1] Application no. 30033/05

*"Having regard to the above, the Court considers that by failing to address specific facts or consider alternative "preventive measures" and by relying essentially on the gravity of the charges, the authorities extended the applicant's detention on grounds which, although "relevant", cannot be regarded as "sufficient""*

Illi kif qalet il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem f'**<u>Letellier vs France (1991)</u>**[2] irid jiġi żgurat illi d-detenzjoni ma teċċediex żmien raġjonevoli u għandu jitqies ukoll l-interess pubbliku tal-persuna taħt arrest preventiv hekk kif oppost mal-fatt illi persuna akkużata hija presunta innoċenti, u liema żmien raġjonevoli għaddej b'mod indefinit kontra l-interessi tar-rikorrent stante illi m'għandu l-ebda rimedju quddiem il-Qorti propju għaliex l-istess Qorti hija prekluża milli teżerċita kwalunkwe diskrezzjoni sabiex tiddeċiedi hi dwar talba għall-ħelsien mill-arrest tiegħu għaliex il-liġi nostrana timponi b'mod arbitrarju fuq l-applikant stat kontinwat ta' deprevazzjoni tal-liberta' personali tiegħu, u dan bi ksur flagranti tal-Konvenzjoni Ewropea u d-drittijiet fundamentali tal-bniedem:

*"Preservation of public order: by reason of their particular gravity and public reaction to them, certain offences may give rise to a social disturbance capable of justifying pre-trial detention, at least for a time – factor which might therefore, in exceptional circumstances, be taken into account for the purposes of the Convention, in any event in so far as domestic law recognises the notion of disturbance to public order caused by an offence – however, this ground can be regarded as relevant and sufficient provided only that it is based upon facts capable of showing that detainee's release would actually disturb public order – in addition detention continues to be legitimate only if public order remains actually threatened – indictments divisions assessed need to continue the deprivation of liberty from purely abstract point of view, taking into consideration only gravity of offence."*

Illi hekk ukoll kif qalet il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem f'**<u>Moiseyev vs Russia (2008)</u>** [3] sistema ta' detenzjoni mandatorja qabel tinstema l-kawża hija nkompatibbli ma' dak illi jipprovdi l-Artikolu 5 (3) tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem:

*"The Court reiterates that continued detention can be justified in a given case only if there are specific indications of a genuine requirement of public interest which,*

[2] Application number 12369/86
[3] Application no. 62936/00

*notwithstanding the presumption of innocence, warrants a departure from the rule of respect for individual liberty. Any system of mandatory detention pending trial is incompatible per se with Article 5 § 3 of the Convention, it being incumbent on the domestic authorities to establish and demonstrate the existence of concrete facts outweighing the rule of respect for individual liberty (see* ***Rokhlina v. Russia, no. 54071/00****, § 67, 7 April 2005). Shifting the burden of proof to the detained person in such matters is tantamount to overturning the rule of Article 5 of the Convention, a provision which makes detention an exceptional departure from the right to liberty and one that is permissible only in exhaustively enumerated and strictly defined cases (see Ilijkov, cited above, §§ 84-85, with further references)."*

Illi filwaqt illi din is-sitwazzjoni qegħda tipprekludi lill-Qorti milli teżerċita d-diskrezzjoni tagħha sabiex takkorda l-ħelsien mill-arrest, tali deċiżjoni trid tevolvi wkoll mas-sitwazzjoni tar-rikorrent hekk kif tkun qed tiżviluppa u kif qalet il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem f'**Bykov vs Russia (2009)**[4] il-Qorti trid taċċerta ruħha illi l-bażi fuq liema tali talba għall-ħelsien mill-arrest tiġi miċħuda trid tissustixxi u tibqa valida waqt il-proċeduri kollha:

*"The Court also notes that with the passing of time the courts' reasoning did not evolve to reflect the developing situation and to verify whether these grounds remained valid at the advanced stage of the proceedings."*

Illi għalhekk l-iskop ewlieni tal-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropea hija dik li:

*"is to ensure that no one should be dispossessed of his liberty in an 'arbitrary fashion'. The essence of Article 5 is that, although the right to liberty is not an absolute one, a person must be detained only on a basis of law and that the law relied upon must be consistent with recognised European standards. Article 5 also safeguards the individual against the illegal deprivation of liberty contrary to Article 5 by requiring that a person in detention be provided with a remedy or remedies by which he can challenge the legality of his detention and obtain compensation if it is not lawful*"[5];

Illi finalment, solament għaliex l-Artikolu 15 (3) u l-Artikolu 17 tal-Kap. 276 tal-Liġijiet ta' Malta kategorikament u assolutament iċċaħħdu lir-rikorrenti mid-

[4] (Application no. 4378/02)
[5] Harris, O'Boyle & Warbrick Law of the European Convention on Human Rights (1995), P. 97

dritt tiegħu illi jitlob għall-ħelsien mill-arrest tiegħu, u dan stante illi l-Qorti m'għandha l-ebda diskrezzjoni biex tiddeċiedi fuq dan, ir-rikorrenti qiegħed ukoll jiġi leż fid-drittijiet fundamentali tiegħu taħt l-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni u dan għaliex, meta tiġi kkonsidrata talba għall-ħelsien mill-arrest, kif qalet il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem f'**Bonnechaux vs Switzerland (1979)** l-istat ta' saħħa u l-vulnerabbilita' tal-persuna akkużata iridu wkoll jiġu kkonsidrati;

Illi għalhekk l-Artikolu 15 (3) u l-Artikolu 17 tal-Kap. 276 jimponu stat ta' arrest mandatorju fuq l-applikant illi qiegħed jiġi kontinwament u arbitrarjament mċaħħad mid-dritt fundamentali tiegħu għall-liberta' personali, preċiżament għaliex il-liġi stess ma ttieħx dritt mod ieħor.

l-istess rikorrenti għadda biex jitlob lil din il-Qorti:

1. Tiddikjara li l-Artikoli 15(3) u 17 tal-Kap. 276 tal Ligijiet ta' Malta (Att dwar l-Estradizzjoni) jikkozzaw ma', u jiksru l-artikoli 5(1), 5(3), 5(4), 6 u 13 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittjiet tal-Bniedem;

2. Tiddikjara li l-arrest tar-rikorrent mid-29 ta' April 2024 huwa wiehed illegali inkwantu qed isehh in forza tal-Artikoli 15(3) u 17 tal-Kap. 276 tal-Ligijiet ta' Malta (Att dwar l-Estradizzjoni) li qed jiksru l-Artikoli 5(1), 5(3), 5(4), 6 u 13 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittjiet tal-Bniedem;

3. Tordna l-helsien mill-arrest tar-rikorrent;

4. Tillikwida kumpens xieraq li l-intimat ghandu jigi ordnat jhallas lir-rikorrent minhabba d-deprivazzjoni tal-liberta' tieghu u l-ksur tad-drittijiet fundamentali tiegħu;

5. Tordna illi tali kumpens jiġi mħallas lir-rikorrenti flimkien mal-ispejjez u interessi illi jiddekorru mill-bidu ta' tali ksur tad-drittijiet fundamentali tiegħu.

2. Rat id-dikriet tagħha mogħti fit-30 ta' Mejju 2024[6], li bih laqgħet it-talba tar-rikorrenti għas-smigħ bl-urġenza kemm fir-rigward tat-talba tiegħu għall-għoti ta' rimedju provviżorju kif ukoll fir-rigward tal-kawża minnu preżentata;

[6] A fol.16.

3. Rat id-dikriet tagħha tat-30 ta' Mejju 2024[7], li bih appuntat il-kawża għas-smigħ għat-3 ta' Ġunju 2024 fis-1pm;

4. Rat id-dikriet tagħha mogħti fil-31 ta' Mejju 2024[8], li bih laqgħet it-talba tar-rikorrenti għall-kjamata fil-kawża tal-Avukat tal-Istat;

5. Rat ir-risposta preżentata mill-intimat Avukat Ġenerali fit-3 ta' Ġunju 2024, li biha ġie eċċepit hekk:

> 1. Preliminarjament, l-esponenti mhiex il-leġittimu kontradittur ta' din l-azzjoni, u għalhekk għandha tiġi liberata mill-osservanza tal-ġudizzju stante li r-rapprezentanza residwa f'kazijiet fejn l-allegazzjoni ta' ksur tad-drittijiet fundamentali tkun imsejsa fuq liġi ma' ghadiex ghand l-esponenti wara r-riforma li dahlet fis-sehh fis-sena 2019.
>
> 2. In kwantu għall-allegati vjolazzjonijiet tal-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni, jibda billi jingħad li l-iskop fundamentali tal-istess huwa sabiex jipproteġu kontra d-detenzjoni **arbitrarja**. Fil-każ odjern, l-arrest u d-detenzjoni tar-rikorrent għandhom bażi legali u assolutament ma hemm ebda arbitrarjetà.
>
> 3. L-Artikolu 5 jiggarantixxi d-dritt għal-libertà u għas-sigurtà tal-persuna. Id-deprivazzjoni tal-libertà tista' ssir biss f'waħda miċ-ċirkostanzi prevvisti mill-istess Artikolu u skont proċedura preskritta bil-liġi. Fil-każ odjern, l-eċċezzjoni li nsibu fis-subartikolu 5(1)(f) huwa applikabbli. Kif ġie spjegat fis-sentenza ta' **Paul Attard vs. L-Avukat tal-Istat**:[9]
> "17. Ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem, awturi stabbiliti, u l-Qrati nostrana, iddelineaw tliet elementi illi jsawru din l-eċċezzjoni, liema elementi jistgħu jiġu kkunsidrati bħala l-benchmark illi jiddetermina jekk detenzjoni fl-ambitu ta' proċeduri t'estradizzjoni tivvjolax l-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropea, jew taqax taħt l-eċċezzjoni kontemplata mis-sub-inċiż (f):
> (a) Id-detenzjoni għandha tkun legali ("lawful") u mhux arbitrarja;

[7] A fol.13.
[8] A fol.19.
[9] Paul Attard vs. L-Avukat tal-Istat, Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali), 10 ta' Ġunju, 2022. Sentenza appellata.

(b) Id-detenzjoni trid tkun bl-intenzjoni t'estradizzjoni ("with a view to extradition"); u
(c) Il-proċeduri għandhom ikunu qed jitmexxew b'diliġenza ("prosecuted with due diligence");"

Dawn ir-rekwiżiti huma pjenement sodisfatti fil-każ odjern. Id-detenzjoni tar-rikorrent saret taħt qafas legali u għalhekk mhiex waħda arbitrarja, hi intenzjonata bl-iskop aħħari li jkun hemm l-estradizzjoni tiegħu u, kif ser jintwera ampjament, il-proċeduri qed jitmexxew b'diliġenza.
Fis-sustanza, ir-rikorrent qiegħed jilmenta bil-fatt li peress li sar appell min-naħa tal-Avukat Ġenerali, hu għadu qed jinżamm detenut minkejja li l-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti Rimandanti ma ordnatx l-estradizzjoni tiegħu.
Dan l-argument assolutament ma japprezzax ir-*ratio legis* kemm tal-Kap. 276, il-Liġi Sussidjarja 276.05 kif ukoll tad-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2002/584/JHA dwar l-arrest u ċ-ċediment ta' individwi bejn Stati Membri tal-Unjoni Ewropea għall-iskopijiet ta' tmexxija ta' prosekuzzjoni kriminali jew l-eżekuzzjoni ta' sentenza ta' kustodja.
Il-fatt hu li l-proċess ta' estradizzjoni tar-rikorrent **ma ntemmx**. Għalkemm in prim'istanza l-Qorti tal-Maġistrati ma ordnatx l-estradizzjoni tiegħu, **il-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) xorta tista' tħassar is-sentenza in kwistjoni u minflok tordna l-estradizzjoni tiegħu**.
Huwa f'dan il-kuntest li għandu jitqies l-ilment tar-rikorrent. Il-fatt hu li issa r-rikorrenti jinsab fi stadju finali tal-proċess tal-estradizzjoni tiegħu; bid-deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell Kriminali, ser jiġi determinat b'mod definittiv jekk ir-rikorrent għandux jiġi estradit jew le. Konsegwentement, il-bżonn ta' miżuri kawtelatorji, cioè d-detenzjoni tar-rikorrent, huma tant akbar peress li jekk l-Qorti tal-Appell Kriminali tordna l-estradizzjoni tar-rikorrent, **dik l-estradizzjoni għandha titwettaq fi żmien qasir**, u dan mingħajr preġudizzju għad-dritt tiegħu li jressaq ilment kostituzzjonali kif kontemplat mill-Kap. 276.
Ta' min ifakkar li l-Artikolu 5 ma jistabbilixxi ebda terminu ta' kemm wieħed jista' jinżamm taħt arrest. Fil-kuntest ta' detenzjoni bl-iskop ta' deportazzjoni jew estradizzjoni, l-awtur **William A. Schabas** fil-ktieb tiegħu **The European Convention on Human Rights – A Commentary** jispjega: "But where proceedings are not underway to expel or extradite a person, the exception of 5(1)(f) does not apply. Detention must be carried out in good faith, it must be closely connected to the purpose of preventing unauthorized entry, deportation, or extradition, the place and conditions of detention should be appropriate, and the length of the detention should not exceed that reasonably required for the purpose being pursued. **Deprivation of**

**liberty in view of deportation or extradition can only be justified as long as proceedings are underway**. If they are not conducted with due diligence, a violation of article 5(1)(f) may arise." [Enfasi tal-esponenti]
Fil-każ odjern, ma hemm ebda dubju li l-proċess ta' estradizzjoni għadu għaddeju għalhekk id-detenzjoni tiegħu hi ġustifikata.
L-allegazzjoni tar-rikorrent li hu ser jinżamm detenut b'mod indefinit hi wkoll żbaljata għaliex *ai termini* tar-Regolament 27A tal-L.S. 276.05, deċiżjoni finali dwar il-konsenja, inkluż d-deċiżjoni ta' appell meta jkun sar appell, għandha tittieħed fi żmien sittin (60) jum mill-jum li l-persuna ġiet arrestata. Ma hemm xejn x'jindika li dan it-terminu mhux ser jiġi rispettat.
Finalment, il-lanjanza mqanqla mir-rikorrent (inkluż invokazzjoni tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni) tqajmet ukoll f'każ b'ċirkostanzi prattikalment identiċi fil-każ ta' **John Spiteri vs. Avukat tal-Istat**,[10] u f'dak il-każ din l-Onorabbli Qorti diversament presjeduta għar-raġunijiet hawn fuq mogħtija ċaħdet it-talbiet magħmula lilha.
Meqjus dan kollu għalhekk, l-istat tad-detenzjoni tar-rikorrent u l-liġijiet in kwistjoni ma wasslux u ma jissarfux fi ksur tal-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni.

4. In kwantu għall-allegat ksur tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni, huwa paċifiku li dan il-jedd fundamentali ma huwiex applikabbli fil-konfront ta' proċeduri ta' estradizzjoni, u għaldaqstant ir-rikorrent ma jistax jinvokah.[11]

5. Mingħajr preġudizzju għas-suespost, il-jedd għal aċċess ġudizzjarju ma jistax jiġi mqanqal biex jiġu maħluqa drittijiet ġodda jew differenti minn dawk mogħtija fil-liġi domestika. Li kieku ma jkunx hekk, iċ-ċertezza legali tinġieb fix-xejn, għaliex kull persuna, taħt il-pretest li m'għandiex jedd għall-aċċess għall-qorti, tista' titlob li jinbidlu jew jitneħħew liġijiet sabiex dawn jiġu jirriflettu dak li tkun tixtieq dik il-persuna.
Fil-każ odjern, filwaqt li hu minnu li l-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) ma għandiex is-setgħa li tagħti l-ħelsien mill-arrest, jiġi mtenni l-fatt li proċeduri ta' estradizzjoni huma ta' natura partikolari; iridu jiġu deċiżi f'terminu pjuttost qasir u, kif diġà rajna, il-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) għandha r-responsabbiltà li tiddetermina konklussivament it-talba għall-estradizzjoni

[10] John Spiteri vs. Avukat tal-Istat, Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali), 28 ta' Frar, 2024. Sentenza għaddiet in ġudikat.
[11] Ara per eżempju: Peñafiel Salgado v. Spanja (65964/01), Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, 16 ta' April, 2002, Trabelsi v. Il-Belġju (140/2010), Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, 4 ta' Settembru, 2014, Philip Mifsud vs. Avukat Ġenerali, Prim'Awla tal-Qorti Ċivli (Sede Kostituzzjonali), 23 ta' Frar, 2015, u Christopher Guest More vs. The Advocate General, Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali), 9 ta' Jannar, 2020.

tar-rikorrent. Dawn il-fatti jikkontrobilanċjaw kwalunkwe restrizzjoni imposta mil-liġi.
Meqjus dan kollu għalhekk, ir-rikorrent ma sofra ebda leżjoni tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni.

6. In kwantu għall-allegat ksur tal-Artikolu 13, ir-rikorrent huwa manifestament żbaljat fl-invokazzjoni ta' dan l-artikolu. Dak li jeżiġi dan l-artikolu huwa li kull min jallega li nkisirlu xi wieħed jew aktar mill-jeddijiet fundamentali kontemplati fil-Konvenzjoni Ewropea jkollu l-jedd għal mekkaniżmu li bih jista' iressaq tali ilment u, jekk jingħata raġun, jingħata rimedju effettiv. Dawn il-proċeduri **fihom infushom** huma r-rimedju effettiv li r-rikorrent qiegħed jallega li ma għandux.[12]
Għahekk, anke hawn ċertament ma seħħet ebda leżjoni tal-Artikolu 13 tal-Konvenzjoni.

7. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż.

6. Rat il-verbal tal-udjenza tat-3 ta' Ġunju 2024[13], mnejn jirriżulta illi l-Avukat tal-Istat ta ruħu b'notifikat bl-atti tal-kawża u għamel tiegħu l-eċċezzjonijiet ġjà preżentati mill-Avukat Ġenerali;

7. Rat l-atti u d-dokumenti eżebiti;

8. Semgħet it-trattazzjoni magħmula mid-difensuri tal-kontendenti;

9. Rat li l-kawża ġiet imħollija għall-udjenza tal-lum sabiex tingħata sentenza;

Ikkunsidrat:

10. Illi din hija azzjoni li biha r-rikorrent jilmenta li l-artikoli 15(3) u 17 tal-Att dwar l-Estradizzjoni (Kapitolu 276 tal-liġijiet ta' Malta) m'humiex kompatibbli mal-artikoli 5(1), 5(3), 5(4), 6 u 13 tal-Konvenzjoni Ewropea, u b'hekk jiksru l-jeddijiet fondamentali tiegħu.

---

[12] Ara per eżempju: Angela *sive* Gina Balzan vs. Avukat Ġenerali, Qorti Kostituzzjonali, 31 ta' Jannar, 2019 u Perit Ian Cutajar et vs. Avukat Ġenerali et, Qorti Kostituzzjonali, 6 ta' Ottubru, 2020
[13] A fol.26.

11. Illi l-fatti tal-każ, sa fejn huma rilevanti għall-ilmenti avvanzati mir-rikorrenti f'din il-kawża, jistgħu jiġu riassunti kif ġej.

12. Illi r-rikorrent huwa Rumen, u filwaqt li kien jinsab Malta, ġie arrestat mill-Pulizija ta' Malta u fid-29 t'April 2024 ġie mressaq quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Struttorja in eżekuzzjoni ta' mandat t'arrest Ewropew maħruġ fil-konfront tiegħu mid-Diviżjoni Kriminali tal-Qorti tal-Appell ta' Braşov fir-Rumanija fit-18 ta' Frar 2020. Dwar dan il-mandat, l-intimat Avukat Ġenerali fit-28 t'April 2024 ħareġ ċertifikat fit-termini tal-artikolu 6A tal-Ordni dwar Pajjiżi Barranin Appuntati dwar l-Estradizzjoni[14]. B'deċiżjoni mogħtija fl-20 ta' Mejju 2024, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Struttorja, u fl-atti tal-Estradizzjoni msejħa "Qorti Rimandanti", sabet li jekk il-mandat t'arrest Ewropew fuq imsemmi jiġi eżegwit, hemm riskju reali li r-rikorrenti jġarrab vjolazzjoni tad-drittijiet fondamentali tiegħu taħt l-artikolu 4 tal-Karta tad-Drittijiet Fondamentali tal-Unjoni Ewropea kif ukolll taħt l-artikolu 3 tal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali, u għalhekk irrifjutat l-eżekuzzjoni tal-istess mandat, u ordnat il-ħelsien tar-rikorrenti.

13. Illi l-intimat Avukat Ġenerali nterpona appell minn din id-deċiżjoni, liema appell ġie trattat quddiem il-Qorti tal-Appelli Kriminali u jinsab differit għad-deċiżjoni għas-17 ta' Ġunju 2024. Fil-frattemp, peress li r-rikorrenti għadu jinsab taħt arrest pendenti l-eżitu tal-proċeduri t'estradizzjoni, huwa ressaq rikors quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali biex jitlob il-ħelsien mill-arrest. B'dikriet mogħti fit-28 ta' Mejju 2024, il-Qorti tal-Appell Kriminali ċaħdet it-talba tar-rikorrent għall-ħelsien mill-arrest, billi (i) qieset li r-rikorrent m'għandux rabtiet ma' Malta u kien f'qagħda li jipprovdi ndirizz residenzjali fiss biss sat-2 ta' Ġunju 2024, u għalhekk ma tax garanziji sufficċjenti sabiex jingħata l-ħelsien mill-arrest; u (ii) f'kull każ, l-artikolu 15(3) tal-Att dwar l-Estradizzjoni jipprekludu l-libertà provviżorja lir-rikorrenti sakemm jiġi deċiż l-appell fil-konfront tiegħu.

14. Illi fit-30 ta' Mejju, 2024, ir-rikorrenti ressaq din il-kawża.

[14] LS276.05.

Ikkunsidrat:

15. Illi esposti l-fatti li huma rilevanti għall-każ li għandha quddiemha l-Qorti, imiss issa li jsiru dawk il-konsiderazzjonijiet li għandhom iwassluha għad-deċiżjoni tagħha.

16. Illi l-ewwel kwistjoni li sejra tqis il-Qorti hija naxxenti mill-fatt li waqt it-trattazzjoni tal-kawża, id-difensur tar-rikorrenti nvoka dispożizzjonijiet tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni Ewropea li ma ġewx invokati fir-rikors promotur tal-kawża, għal liema sottomissjonijiet opponew ruħhom id-difensuri tal-intimat u tal-kjamat fil-kawża.

17. Illi l-artikolu 3(1) tar-Regoli dwar il-Prattika u l-Proċedura tal-Qrati u l-Bon-Ordni jgħid:

> Rikors quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili għandu jkun fih, b'mod konċiż u ċar, il-fatti li minnhom jinħoloq l-ilment u għandu jsemmi d-disposizzjoni jew disposizzjonijiet tal-Kostituzzjoni ta' Malta jew tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali li jkun allegat li jkunu jew, li jkunu qed jiġu jew li jkunu x'aktarx ser jiġu miksura.

18. Il-liġi għalhekk trid li min iressaq rikors bħal dak li bih inbdew dawn il-proċeduri jindika mhux biss il-fatti li wasslu għall-ilment, imma wkoll id-dispożizzjonijiet li abbażi tagħhom tkun qed tiġi allegata vjolazzjoni ta' drittijiet fondamentali.

19. Illi l-artikolu 3(5) tal-istess Regoli mbagħad jipprovdi hekk dwar il-konsegwenzi tan-nuqqas ta' ħarsien tar-regola kontenuta fl-ewwel subinċiż:

> Rikors li ma josservax is-subregoli (1), (2), (3) u (4) ma jkunx null; iżda l-qorti tista', f'kull każ, tordna lir-rikorrent li jippreżenta, f'dak iż-żmien li l-qorti tistabbilixxi, nota li jkun fiha l-partikolaritajiet meħtieġa u l-ispejjeż ta' dak l-ordni għandu jbatihom ir-rikorrent.

20. Din l-aħħar dispożizzjoni turi li l-formaliżmu fil-proċeduri ta' din ix-xorta għandu jkun ridott għall-minimu neċessarju. Fid-deċiżjoni ***Edwin Bartolo et vs. Aġent Reġistratur tal-Qrati noe et*** (Qorti Kostituzzjonali, 15/2/1991)[15] ġie ritenut:

> Fil-proċeduri kostituzzjonali, il-formalità hija ridotta għall-minimu neċessarju u jiddependi kollox mid-diskrezzjoni tal-ġudikant li jkun qed jippresjedi, li għandu jara li jiġu salvagwardati l-prinċipji kollha tal-ġustizzja proċedurali.
>
> Il-ġudikant mhux marbut li joqgħod biss għal dak li jista' jkun hemm miktub mir-rikorrent għal dak li hija l-indikazzjoni preċiża ta' l-artikoli kostituzzjonali li jiddelinejaw id-drittijiet fundamentali tiegħu – salv naturalment, u kompatibbilment mad-drittijiet ta' l-intimati li ma jiġux sorpriżi w preġudikati bil-fatt li jiġu deċiżi kwistjonijiet li huma ma kellhomx l-opportunità li jeżaminawhom u jiddefendu ruħhom fuqhom – għaliex b'hekk altrimenti, jiġu preġudikati nġustament id-drittijiet tad-difiża.
>
> Il-flessibilità proċedurali li għaliha għada kif saret riferenza, hija illustrata mill-Kostituzzjoni stess fl-artikolu 46(2) fejn il-Qorti hija liċenzjata li: "... tista' tagħmel dawk l-ordnijiet, toħroġ dawk l-atti u tagħti dawk id-direttivi li tqis xierqa sabiex twettaq, jew tiżgura t-twettiq ta' kull waħda mid-disposizzjonijiet ta' l-imsemmija artikoli 33 sa 45 (inklużi) li għall-protezzjoni tagħhom tkun intitolata dik il-persuna".
>
> Din il-liċenzja tawtorizza 'l-Qorti li tmur *ultra petita* – u għalhekk l-intimati m'għandhomx raġuni li jillamentaw li s-sentenza appellata għamlet proprju hekk. Id-direttiva hija li d-deċiżjoni trid tkun konformi ma' dak li l-Qorti tqis xieraq u mhux in konformità ma dak li jitlob ir-rikorrent – kif tobbliga l-proċedura normali.

21. L-istess linja tal-ħsieb kienet segwita fid-deċiżjoni ***Meinrad Calleja vs. Avukat Ġenerali et*** (Qorti Kostituzzjonali, 29/3/2000)[16], kif ukoll aktar riċentement fid-deċiżjoni ***Francis Scerri et vs. Anthony Deguara et*** (Qorti Kostituzzjonali, 9/10/2023).

22. Għalhekk, bħala punt ta' prinċipju, il-fatt li xi dispożizzjoni tal-Kostituzzjoni jew tal-Konvenzjoni Ewropea ma tkunx ġiet debitament indikata mir-rikorrent fir-rikors li bih tkun ġiet istitwita l-kawża mhux ta' xkiel sabiex l-istess dispożizzjoni tiġi kkunsidrata mill-Qorti. Dan però huwa soġġett għall-ħtieġa li l-partijiet intimati jingħataw

[15] Vol.LXXV.i.84.
[16] Vol.LXXXIV.i.24.

opportunità xierqa biex jirregolaw il-pożizzjoni tagħhom dwar dawn id-dispożizzjonijiet li ma kienux indikati kif imiss fir-rikors promotur, b'mod li l-istess partijiet intimati ma jiġux sorpriżi bl-inklużjoni ta' materji ġodda fid-deċiżjoni finali li dwarhom ma kellhomx l-opportunità li jirribattu kif imiss permezz tal-provi jew tas-sottomissjonijiet opportuni.

23. Issa fil-każ odjern, id-dispożizzjonijiet tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni Ewropea li ma ġewx indikati fir-rikors promotur ġew imsemmija biss matul it-trattazzjoni finali. Biex jingħad kollox, l-istadju tal-provi f'din il-kawża kien tassew brevi, billi l-kontendenti qablu li l-provi huma kollha dokumentarji u għalhekk is-smigħ tal-każ ipproċeda kważi minnufih għat-trattazzjoni. Però l-Qorti tqis li jekk ir-rikorrenti kellu l-ħsieb li jinvoka dispożizzjonijiet addizzjonali tal-Konvenzjoni Ewropea u tal-Kostituzzjoni, huwa kellu d-dmir li jirrileva dan il-fatt mill-bidu nett tas-smigħ tal-kawża, biex b'hekk jagħti lill-kontro-parti l-opportunità li tirregola ruħha qabel ma saru d-dikjarazzjonijiet dwar il-provi u dwar it-trattazzjoni.

24. Fiċ-ċirkostanzi għalhekk din il-Qorti hija tal-fehma li l-eżami li għandha tagħmel għandu jkun ċirkoskritt għall-fatti u għad-dispożizzjonijiet konvenzjonali u kostituzzjonali espressament indikati fir-rikors promotur, biex b'hekk tkun qed taġixxi «*…kompatibbilment mad-drittijiet ta' l-intimati li ma jiġux sorpriżi w preġudikati bil-fatt li jiġu deċiżi kwistjonijiet li huma ma kellhomx l-opportunità li jeżaminawhom u jiddefendu ruħhom fuqhom – għaliex b'hekk altrimenti, jiġu preġudikati nġustament id-drittijiet tad-difiża*», kif ritenut fid-deċiżjoni ***Bartolo et vs. Aġent Reġistratur tal-Qrati noe et***, fuq ċitata.

Ikkunsidrat:

25. Imiss issa li tiġi kkunsidrata l-ewwel eċċezzjoni tal-intimat Avukat Ġenerali, u ċjoè li huwa mhux leġittimu kontradittur tat-talbiet tar-rikorrenti.

26. Jgħid sew l-intimat li meta l-ilment kostituzzjonali jkun dwar il-konsistenza, jew nuqqas ta' konsistenza, ta' xi liġi ordinarja ma' xi dispożizzjoni tal-Konvenzjoni Ewropea jew tal-Kostituzzjoni, l-leġittimazzjoni passiva hija vestita fl-Avukat tal-Istat.

Kien għalhekk li din il-Qorti laqgħet it-talba għall-kjamata fil-kawża tal-Avukat tal-Istat.

27. Madanakollu ssir riferenza hawnhekk għall-insenjament tal-Qorti Kostituzzjonali fil-kawża ***Joseph Abela vs. L-Onorevoli Prim'Ministru***[17] fejn ġie osservat li:

> F'kawżi ta' natura kostituzzjonali bbażati fuq id-drittijiet fundamentali, il-leġittimi kontradditturi ta' dawk l-azzjonijiet jinqasmu fi tlett kategoriji. L-ewwel kategorija tikkomprendi dak li huwa allegat li huma direttament jew indirettament, responsabbli, għall-kummissjoni jew ommissjoni, ta' xi fatt li jikser xi dritt fundamentali protett mil-liġi. Fit-tieni kategorija huma dawk li għall-ommissjonijiet jew kummissjonijiet tal-persuni ta' l-ewwel kategorija jistgħu jkunu responsabbli biex jagħtu jew jiffornixxu r-rimedji li s-sentenza, li takkolji l-lament tal-ksur ta' dritt fundamentali, tissanzjona. It-tielet kategorija mbagħad hemm dawk il-partijiet kollha li jkunu in kawża, meta l-kwistjoni kostituzzjonali tinqala' fuq jew waqt xi proċedura ġudizzjarja.

28. L-ilmenti tar-rikorrenti huma konnessi ma' proċeduri ġudizzjarji li fihom l-Avukat Ġenerali huwa parti, bħala Prosekutur. Għalhekk għandu xorta waħda l-interess neċessarju biex ikun parti f'dan il-ġudizzju.

29. Din l-eċċezzjoni għalhekk hija miċħuda.

Ikkunsidrat:

30. Ferm il-premess, il-Qorti għalhekk sejra tqis l-ilmenti tar-rikorrenti kif minnu avvanzati fir-rikors promotur.

31. Kif diġà ngħad, ir-rikorrent qed jilmenta mit-tħaddim tal-artikoli 15(3) u 17 tal-Att dwar l-Estradizzjoni, li jipprovdu hekk:

> 15. …

[17] 7/12/1990.

(3) Meta awtorità għal proċediment tkun ġiet maħruġa dwar il-persuna arrestata u l-qorti rimandanti tkun sodisfatta, wara li tisma' l-provi kollha miġjuba biex isostnu t-talba għat-treġġigħ lura ta'dik l-persuna jew miġjuba f'isem dik il-persuna, li r-reat li dwaru dik l-awtorità tirreferixxi huwa reat ta' estradizzjoni u tkun ukoll sodisfatta –
(a) jekk il-persuna hija akkużata bir-reat, illi l-provi jkunu biżżejjed biex jiġġustifika li dik il-persuna tgħaddi proċeduri dwar dak ir-reat li kieku kien sar fil-ġurisdizzjoni tal-Qrati tal-Ġustizzja Kriminali ta' Malta;
(b) jekk jiġi allegat dwar dik il-persuna li hi ħielsa kontra l-liġi wara li nstabet ħatja ta' reat, illi hi kienet verament misjuba hekk ħatja u jidher li tkun hekk ħielsa, il-qorti għandha, kemm-il darba ma jkunx projbit li dik il-persuna hekk tintbagħat minn xi disposizzjoni oħra ta' dan l-Att, tibgħatha taħt kustodja għall-fini tat-treġġigħ lura tagħha taħt dan l-Att;

iżda jekk il-qorti ma tkunx hekk sodisfatta jew ikun hekk projbit li dik il-persuna tintbagħat taħt kustodja għal dak il-fini, il-qorti għandha teħlisha mill-kustodja:

Iżda minkejja kull ordni li jeħlisha minn kustodja dik il-persuna tibqa' f'kustodja sakemm igħaddu tlett ijiem tax-xogħol minn kull ordni bħal dak u, meta jkun sar appell mill-Avukat Ġenerali, sakemm l-appell jinqata' jew jiġi abbandunat, jew l-Avukat Ġenerali jagħti l-kunsens tiegħu għall-ħelsien ta' dik il-persuna.

…

17.(1) Kull persuna mqiegħda jew mibgħuta taħt kustodja skont l-artikolu 15 għandha tintbagħat il-ħabs u għandha tiġi meqjusa bħala persuna li tkun qed tistenna biex isirulha l-proċeduri.
(2) Dik il-persuna għandha titqies li tkun taħt kustodja legali mill-ħin li hekk titqiegħed jew tintbagħat sakemm tkun 'il barra mill-ġurisdizzjoni tal-Qrati tal-Ġustizzja Kriminali ta' Malta.

32. Huwa effettivament l-aħħar *proviso* tal-artikolu 15(3) li jikkostitwixxi l-pern tal-ilment tar-rikorrenti. Huwa jsostni li dik id-dispożizzjoni tneħħi għal kollox id-diskrezzjoni ġudizzjarja fil-konsiderazzjoni ta' jekk persuna arrestata b'rabta ma' proċeduri ta' estradizzjoni għandhiex tingħata l-ħelsien mill-arrest, u minflok tvesti dik id-diskrezzjoni esklussivament fl-Avukat Ġenerali li madanakollu huwa parti fl-istess proċeduri t'estradizzjoni.

33. Illi għalhekk huwa loġiku li l-ewwel stħarriġ li għandha tagħmel il-Qorti huwa jekk hux tassew li din id-dispożizzjoni torbot idejn il-qrati meta jiġu biex iqisu talba għall-ħelsien mill-arrest magħmula minn persuna waqt proċeduri t'estradizzjoni. Jekk tassew hemm il-preklużjoni prevista mir-rikorrenti, mela allura jkun imiss li din il-Qorti tqis jekk din hijiex kompatibbli mad-dispożizzjonijiet konvenzjonali ċitati mir-rikorrenti. Però jekk dik il-preklużjoni ma tirriżultax, l-ilment tar-rikorrenti jfalli għaliex jisfa mingħajr fondament fattwali.

34. Illi l-Qorti tirrileva li skont l-artikolu 15(1) tal-Att dwar l-Estradizzjoni:

> Persuna arrestata bis-saħħa ta' mandat skont l-artikolu 14 għandha (jekk ma tkunx ġiet meħlusa qabel skont is-subartikolu (3) ta' dak l-artikolu) titressaq malajr kemm ikun prattikabbli u f'ebda każ aktar tard minn tmienja u erbgħin siegħa mill-arrest tagħha quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala qorti ta' kumpilazzjoni (f'dan l-Att imsejħa l-qorti rimandanti) li għandu jkollha għall-finijiet tal-proċedimenti skont dan l-artikolu l-istess setgħat, safejn jista' jkun, magħduda s-setgħa li tibgħat f'kustodja jew teħles mill-arrest bi pleġġ, kif l-imsemmija qorti għandha meta tkun kostitwita kif intqal qabel.

35. Huwa għalhekk ċar li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta), bħala Qorti Rimandanti, għandha s-setgħa li teħles lill-persuna li titressaq quddiemha fi proċeduri dwar estradizzjoni mill-arrest bi pleġġ. Fil-fatt fir-rikors promotur tiegħu, ir-rikorrent jirrileva li huwa kien ressaq talbiet għall-ħelsien mill-arrest quddiem il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti Rimandanti, liema talbiet però ġew miċħuda għal raġunijiet li jirrientraw fid-diskrezzjoni ta' dik il-qorti, kif jirriżulta mill-verbal tal-udjenza tad-29 t'April 2024, mid-dikriet tat-8 ta' Mejju 2024[18] u mid-dikriet tas-16 ta' Mejju 2024[19].

36. Illi l-artikolu 15(1) tal-Att dwar l-Estradizzjoni huwa applikabbli għall-proċeduri ta' treġġigħ lura ta' persuna li jsiru bis-saħħa ta' mandat t'arrest Ewropew bis-saħħa tal-artikolu 8(4) tal-Ordni dwar Pajjiżi Barranin Appuntati dwar l-Estradizzjoni (LS276.05).

---

[18] Fol.99 tal-atti tal-estradizzjoni.
[19] Fol.619 tal-atti tal-estradizzjoni.

37. Skont ir-rikorrenti, din is-setgħa li l-liġi tagħti bl-aktar mod ċar lill-Qorti tal-Maġistrati m'hijiex ukoll mogħtija lill-Qorti tal-Appell Kriminali, minħabba l-*proviso* fuq ċitat, li jgħid:

> Iżda minkejja kull ordni li jeħlisha minn kustodja dik il-persuna tibqa' f'kustodja sakemm igħaddu tlett ijiem tax-xogħol minn kull ordni bħal dak u, meta jkun sar appell mill-Avukat Ġenerali, sakemm l-appell jinqata' jew jiġi abbandunat, jew l-Avukat Ġenerali jagħti l-kunsens tiegħu għall-ħelsien ta' dik il-persuna.

38. Iżda fil-fehma tal-Qorti, l-ilment tar-rikorrenti huwa malkonċepit.

39. Il-ħelsien li dan il-*proviso* tal-artikolu 15(3) jivvjeta pendenti l-appell huwa l-ħelsien li jkun ordnat bid-deċiżjoni tal-Qorti Rimandanti, u ċjoè dik id-deċiżjoni li biha l-Qorti tal-Maġistrati tkun ordnat li l-persuna arrestata tinħeles mill-kustodja **<u>bla kondizzjonijiet</u>**, għaliex tkun sabet li m'hemmx raġunijiet biex dik il-persuna tiġi estradita. Fi kliem ieħor, kull ma jagħmel il-*proviso* li minnu qed jilmenta r-rikorrenti huwa li jipprovdi li d-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati li tkun favorevoli għall-persuna arrestata tibqa' sospiża pendenti l-eżitu tal-appell li jsir mill-Avukat Ġenerali. Dan però ma jneħħi bl-ebda mod is-setgħa tal-qrati ta' ġurisdizzjoni kriminali li jagħtu l-ħelsien mill-arrest bi pleġġ jekk fid-diskrezzjoni tagħhom, u tenut kont tal-kondizzjonijiet partikolari ta' kull każ, hekk ikun xieraq li jsir.

40. Din l-interpretazzjoni tal-artikolu 15(3) tal-Att dwar l-Estradizzjoni hija suffragata mill-fatt li l-lokuzzjoni tad-dispożizzjoni bl-aktar mod ċar turi li l-istess *proviso* japplika biss għall-każ fejn l-appell ikun sar mill-Avukat Ġenerali, u ċjoè japplika allura fejn ikun hemm deċiżjoni mill-Qorti Rimandanti li l-arrestat ma jiġix estradit u b'hekk għandu jinħeles mill-kustodja. Jekk tiġi aċċettata l-interpretazzjoni tar-rikorrenti, ikun ifisser illi d-divjet li jingħata ħelsien mill-arrest bi pleġġ ma jkunx japplika fejn l-appell isir mill-persuna arrestata wara deċiżjoni tal-Qorti Rimandanti li dik il-persuna għandha tkun estradita. Dan però ma jkun jagħmel ebda sens.

41. Hekk ukoll ma jagħmel ebda sens għal din il-Qorti li s-setgħa li l-persuna arrestata b'rabta ma' proċeduri bħal dawn tista' tingħata l-ħelsien mill-arrest bi pleġġ mill-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti Rimandanti iżda mhux ukoll mill-Qorti tal-Appell Kriminali.

42. Huwa ċar illi l-Att dwar l-Estradizzjoni jagħmel distinzjoni bejn «ordni li jeħles minn kustodja» - li huwa dak l-ordni li bih persuna tinħeles mill-kustodja **bla kondizzjonijiet** għaliex ikun ġie deċiż li m'hemmx lok għall-estradizzjoni – u «ħelsien mill-arrest bi pleġġ», li huwa l-ħelsien li r-rikorrenti qed jippretendi li jingħata sakemm jiġu deċiżi b'mod finali l-proċeduri tal-estradizzjoni istitwiti fil-konfront tiegħu. Distinzjoni li hija riflessa wkoll fl-artikolu 20 tal-Att dwar l-Estradizzjoni, li jfisser ukoll għaliex u f'liema ċirkostanzi jingħata «ordni li jeħles minn kustodja», liema ċirkostanzi bl-aktar mod ċar ma jinkludux ukoll il-ħelsien mill-arrest bi pleġġ.

43. Fuq kollox, id-dispożizzjoni li minnha qed jilmenta r-rikorrenti hija *proviso* għal dispożizzjoni oħra li proprju titratta x'isir jekk il-qorti rimandanti tiddeċiedi li l-persuna mressqa quddiemha m'għandhiex tintbagħat u minflok għandha tinħeles mill-kustodja. Huwa biss loġiku li *proviso* jirreferi għaċ-ċirkostanzi li jkunu qed jiġu regolati mid-dispożizzjoni li magħha jkun anness l-istess *proviso*.

44. L-interpretazzjoni mogħtija minn din il-Qorti jidher li hija wkoll sostnuta mill-artikolu 27 tal-Ordni dwar Pajjiżi Barranin Appuntati dwar l-Estradizzjoni (LS276.05), li jgħid: «*Il-proviso mal-artikolu 15(3) tal-Att rilevanti għandu japplika għal kull ordni li tkun teħles lill-persuna indikata mill-kustodja taħt id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Ordni*». Il-liġi stess tgħid li l-*proviso* tal-artikolu 15(3), impunjat mir-rikorrenti, japplika għall-ordni li jeħles lill-persuna ndikata mill-kustodja, u mhux għall-ħelsien mill-arrest bi pleġġ, li jibqa' dejjem fid-diskrezzjoni tal-Qrati ta' ġurisdizzjoni kriminali biex jikkonċedu. Fil-fatt, l-Ordni dwar Pajjiżi Barranin Appuntati dwar l-Estradizzjoni (LS276.05) mkien ma jirreferi għall-ħelsien mill-arrest bi pleġġ[20] u kull «ordni li jeħles lill-persuna ndikata mill-kustodja» huwa dejjem ordni mogħti in segwitu għal deċiżjoni tal-qorti rimandanti li ma tipproċedix bl-estradizzjoni.

45. Din il-Qorti qieset ukoll il-ġurisprudenza ċitata mill-kontendenti fl-atti miktuba tagħhom kif ukoll waqt it-trattazzjoni tal-każ, b'mod partikolari d-deċiżjoni ***Angelo Frank Paul Spiteri vs. L-Avukat Ġenerali*** (Qorti Kostituzzjonali, 13/6/2017) kif ukoll

[20] Għalkemm kif rajna l-artikolu 15(1) tal-Att dwar l-Estradizzjoni huwa reż applikabbli għall-proċeduri li jsiru taħtu.

id-deċiżjoni ***Joseph Spiteri vs. Avukat tal-Istat*** (Prim'Awla Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali, 28/2/2024). Fil-każ ***Angelo Frank Paul Spiteri***, l-ilment kien jirrigwarda d-detenzjoni tar-rikorrent wara li ġie definittivament deċiż li huwa għandu jiġi estradit u pendenti l-eżitu tal-kawżi kostituzzjonali preżentati minnu. Ċirkostanzi għalhekk differenti minn dawk li qed jilmenta minnhom ir-rikorrent odjern. Fid-deċiżjoni ***Joseph Spiteri***, din il-Qorti, kif diversament presjeduta, kienet ċaħdet l-ilment fil-meritu tiegħu, imma mill-korp tad-deċiżjoni jista' jiġi rilevat li fil-mori ta' dik il-kawża, il-Qorti tal-Appell Kriminali kienet tat lir-rikorrenti l-ħelsien mill-arrest bi pleġġ, u dan jiffortifika l-interpretazzjoni mogħtija minn din il-Qorti u fuq spjegata.

46. Għalhekk din il-Qorti mhux qed issib li l-leġiżlazzjoni ndikata mir-rikorrenti telimina d-diskrezzjoni tal-Qrati ta' ġurisdizzjoni kriminali li jiddeċiedu dwar talbiet għall-ħelsien mill-arrest bi pleġġ. Diskrezzjoni li tissussisti anki fejn l-ordni biex persuna tiġi estradita jkun finali, iżda l-ordni ta' tneħħija jiġi pospost minħabba proċeduri penali oħrajn li minnhom tkun tinsab għaddejja l-persuna in kwistjoni (ara f'dan is-sens ***Il-Pulizija vs. Emanuel Borg***, Qorti Kriminali, 19/9/2007).

47. Issa fil-każ odjern din id-diskrezzjoni **ġiet** eżerċitata mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-dikriet tat-28 ta' Mejju 2024, li ċaħdet it-talba tar-rikorrenti minħabba li ma qisitx li huwa ressqilha garanziji suffiċjenti sabiex jingħata l-ħelsien mill-arrest bi pleġġ. Huwa minnu li, kważi *obiter*, il-Qorti tal-Appell Kriminali rriferiet għall-artikolu 15(3) fis-sens li kien jipprekludi t-talba magħmula mir-rikorrent. Din però **ma kinitx** ir-raġuni ewlenija għaliex dik it-talba ġiet miċħuda. Ir-raġuni ewlenija kienet, kif diġà ngħad, li r-rikorrent ma tax garanziji suffiċjenti, u din ir-raġuni taqa' kompletament fid-diskrezzjoni ta' dik il-Qorti. M'huwiex il-kompitu ta' din il-Qorti li tistħarreġ l-użu ta' dik id-diskrezzjoni, speċjalment meta r-rikorrenti m'huwiex qed jilmenta dwar dan. Anzi r-rikorrent qed jilmenta li l-liġi tneħħi dik id-diskrezzjoni mill-qrati, liema lment però kif rajna ma jirriżultax li huwa fattwalment u legalment radikat.

48. F'dan is-sens ukoll l-ilment tar-rikorrenti li huwa biss l-operazzjoni u t-tħaddim tal-artikoli 15(3) u 17 tal-Att dwar l-Estradizzjoni li qiegħdin ixekklu l-possibilità li huwa jingħata l-ħelsien mill-arrest bi pleġġ huwa infondat fattwalment. **Kif rajna, l-Qorti tal-Appell Kriminali ċaħdet it-talba tiegħu għal raġuni diversa**.

49. Fiċ-ċirkostanzi għalhekk, la darba l-effetti legali tad-dispożizzjonijiet li minnhom qed jilmenta r-rikorrenti ma jissussistux, isegwi li dawk id-dispożizzjonijiet ma jistgħux jitqiesu inkompatibbli mad-dispożizzjonijiet ċitati mir-rikorrenti dwar il-Konvenzjoni Ewropea, u għalhekk it-talbiet tiegħu għandhom jiġu riġettati.

50. Fl-aħħar nett, il-Qorti kkunsidrat jekk hemmx lok li jkun hemm temperament fl-ispejjeż tal-kawża minħabba l-interpretazzjoni mhux dejjem lineari li ngħatat lill-artikolu 15(3) tal-Att dwar l-Estradizzjoni. Madanakollu, kif fuq premess, irriżulta li l-liġi li minnha qed jilmenta r-rikorrenti ma kinitx ir-raġuni ewlenija għaliex ġiet miċħuda t-talba tiegħu għall-ħelsien mill-arrest.

51. Għal dawn ir-raġunijiet kollha l-Qorti qed taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi, wara li tiċħad l-ewwel eċċezzjoni tal-intimat, tiċħad it-talbiet kollha tar-rikorrenti, bl-ispejjeż kontra l-istess rikorrenti.

Fit-termini tal-artikolu 4(3) tar-Regoli dwar il-Prattika u l-Proċedura tal-Qrati u l-Bon-Ordni, billi t-talba għas-smigħ bl-urġenza diġà ġiet milqugħa kif fuq premess, il-Qorti qed tqassar iż-żmien tal-preżentata tar-rikors tal-appell għal jumejn, b'dan li l-parti appellata jkollha wkoll jumejn min-notifika biex tressaq ir-risposta tal-appell.

Onor. Mark Simiana, LL.D
Imħallef

Lydia Ellul
Deputat Reġistratur